**31 ta' Mejju, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

George Fava

## Assenza ta' l-Imputat mill-Qorti

*Meta sentenza tingħata fl-assenza ta' l-imputat, legalment jista' jingħad biss li fil-konfront tiegħu s-smigħ u d-deċiżjoni tal-kawża fl-ewwel istanza għandhom jitqiesu daqslikieku ma sar xejn.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, f'dawn l-aħħar tliet xhur naqas jagħti l-avviż bil-miktub u jħallas id-dritt tat-twellija fi żmien sebat ijiem lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar il-bidla tas-sid jew twellija tal-vettura nru. 17053;

Il-Qorti ġiet mitluba li tordna lill-imsemmi George Fava li jesegwixxi l-liġi fi żmien suffiċjenti għaldaqshekk kif jiġi stabbilit mill-Qorti taħt penali ta' ammenda ta' mhux aktar minn żewġ liri kull jum fin-nuqqas;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' l-1 ta' Marzu, 1984 li biha fuq ammissjoni sabitu ħati ta' l-imputazzjoni u kkundannatu tliet liri (Lm3) ammenda u tatu xahrejn żmien biex jottempera ruħu mal-liġi taħt penali ta' żewġ liri (Lm2) kull jum fin-nuqqas;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imputat li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u tordna l-liberazzjoni tiegħu;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet il-provi;

Ittrattat l-appell;

Peress li mix-xhieda ta' Dr. Tonio Farrugia li ma ġiet bl-ebda mod kontraddetta jew skossa jirriżulta li s-sentenza appellata ngħatat fl-assenza ta' l-imputat li mhux biss qatt ma ammetta iżda lanqas deher u għalhekk kemm il-proċeduri kif ukoll is-sentenza huma nulli tipprovdi fuq l-appell interpost kif ġej u ċjoè billi ser tannulla s-sentenza u fuq l-iskorta tas-sentenza ta' din il-Qorti **Il-Pulizija *vs* Żakkarija Calleja** deċiża fit-18 ta' Novembru, 1976 sejra tieqaf hemm peress li legalment jista' jingħad biss li fil-konfront ta' l-imputat is-smigħ u d-deċiżjoni tal-kawża fl-ewwel istanza għandhom jitqiesu daqslikieku ma saru xejn;

Għal dawn il-motivi tipprovdi fuq l-appell interpost billi tiddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi li s-sentenza appellata u s-smigħ tal-kawża li pprecediha u wassal għaliha m'għandhom ebda effett legali u għandhom, jitqiesu ineżistenti fil-konfront ta' l-appellant u li konsegwentement m'hemmx lok li tipprovdi ulterjorment fuq dan l-appell.